MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 807/2014

**Mahmoud Oun I.D. 118613 (L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mahmoud Oun I.D. 118613 (L) datat 16 ta' Settembru 2014 fejn espona: -

Illi permezz ta' Rikors (92/2014) prezentat mill-esponent fil-5 ta' Gunju 2014 quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili (**Dok MO 1** anness li jinkludi wkoll id-Dokumenti indikati fil-premessi segwenti flimkien ma' l-Atti kollha prezentati fl-istess proceduri) l-esponent kien talab il-korrezzjoni ta' diversi dettalji referibbli ghac-certifikati ta' Twelid u Zwieg tieghu Registrati lokalment.

Dan kollu kien gie mitlub wara li l-esponent kien **fost l-ohrajn** ippremetta b'referenza ghad-dokumenti annessi ma' Dok MOI anness ma' dan ir-rikors:

i) Illi kif jirrizulta mill-Att ta' Twelid ta' l-esponent anness bhala **Dok A**, l-isem tal-esponent gie registrat bhala Mahmoud Oun;

ii) Illi konsegwentement, isem l-esponent fuq il-Karta ta' l-Identita' tieghu, kopja ta' liema qed tigi wkoll annessa bhala **Dok B**, gie wkoll indikat bhala Mahmoud Oun;

iii) Illi kif jirrizulta wkoll mill-istess **Dok A** hawn fuq imsemmi, isem missier l-esponent gie mnizzel bhala Musbah Mahmoud;

iv) Illi kif jirrizulta wkoll mill-istess **Dok A** hawn fuq imsemmi, isem omm l-esponent fl-istess Dokument gie mnizzel bhala Alkamila;

v) Illi kif jirrizulta wkoll mill-Att ta' Zwieg tal-esponent anness bhala **Dok C** isem l-esponent rega' tnizzel bhala Mahmoud Oun liema isem tnizzel bl-istess mod ukoll fl-Addenda (Annotazzjoni) imnizzla fl-istess Att ta' Zwieg skont sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fl-20 ta' Gunju 2013;

Illi kuntrarjament ghall-ismijiet hawn fuq indikati, u kif jirrizulta mill-Apostille Certificate anness ma' dan ir-rikors bhala Dok **MO2** li jinkludi traduzzjoni formali tad-dettalji li wiehed isib bil-lingwa Gharbija fuq il-kopja tac-Certifikat ta' Twelid Libjan ta' l-esponent anness ukoll ma' dan ir-rikors flimkien ma' l-imsemmi Apostille Certificate:

a. isem l-esponent huwa ndikat bhala **Mahmoud** fil-waqt li kunjomu huwa indikat bhala **Ben Oun,**

b. isem missier l-esponent huwa ndikat bhala **Mosbah** fil-waqt li kunjomu hu indikat bhala **Ben** Oun u

c. isem omm l-esponent huwa ndikat bhala **Amena Belgasem** fil-waqt li kunjomha (li huwa wkoll kunjom xbubita] hu indikat bhala **Alghdamsi;**

Illi effettivament, u kif jirrizulta minn Dok E anness ma' l-imsemmi Dok MO1, isem l-esponent, fic-Certifikat ta' Twelid ta' ibnu fir-Registru Pubbliku gie ndikat bhala **Mahmud Mosbah Ben Oun** liema isem jinkludi l-isem Mosbah li wara l-imsemmi rikors tal-5 ta' Gunju 2014 irrizulta li huwa wkoll mizjud b'mod erronju, fil-waqt li isem missier l-esponenti gie ndikat korrettement bhala **Mosbah Ben Oun;**

Illi **Dok MO2** anness jikkonferma li hemm numru ta' dettalji ta' l-esponent fuq ic-Certifikati ta' Twelid u Zwieg tieghu registrati lokalment li ma jikkorrespondux ma' dawk li jinsabu elenkati fit-Traduzzjoni formali tac-Certifikat ta' Twelid Libjan tieghu li wiehed isib fuq Dok MO2 u li konsegwentement jindikaw dettalji hziena u differenti minn dawk elenkati fic-Certifikat ta' Twelid Originali ta' l-esponent.

Illi permezz tar-risposta li kienet giet prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-13 ta' Gunju 2014 wara r-rikors ta' l-esponent tal-5 ta' Gunju 2014 u li tinsab ukoll annessa ma' Dok MO1 li ghalih ga saret referenza kien gie eccepit fost affarijiet ohra illi:

i) L-ewwel u t-tieni talba (elenkati fir-rikors tal-5 ta' Gunju 2014) kellhom jigu michudin *stante* l-fehma li jekk jigu milqughin kien ser ikun hemm divergenza bejn l-att ta' twelid originali li sar fil-Libja u l-Att ta' Twelid tieghu li sar Malta;

ii] *Fir-rigward* tat-tieni, tielet u raba' talba, dawn kellhom jigu wkoll michudin *stante* li l-korrezzjonijiet mitlubin permezz ta' tali talbiet ma jirreferux ghal korrezzjoni zbaljata ta' xi wahda jew izjed mill-hwejjeg imsemmijin dwar kull att fit-Taqsima III tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Kodici Civili;

iii) Fir-rigward tal-hames u sitt talba dawn kellhom jigu michudin *stante* l-fatt li l-informazzjoni fuq l-Att taz-Zwieg titnizzel skont dak li jkun irrizulta fuq l-att ta' twelid tal-persuna u kemm il-darba tali tibdiliet jigu milqugha ser tirrizulta sitwazzjoni fejn l-isem tieghu u tal-genituri tieghu fuq l-Att ta'

Zwieg tieghu se jkunu differenti minn kif jidhru fuq l-Att tat-Twelid tieghu li huwa pprezenta fil-punt li talab li jigu ppublikati t-tnidijiet taz-zwieg tieghu;

iv) Fir-rigward tas-seba' talba gie sottomess illi l-annotazzjoni li jaghmel fl-Att ta' Zwieg tkun skont dak li jkun jirrizulta mis-sentenza moghtija mill-Qorti kompetenti li tkun iddecidiet dwar iz-Zwieg fil-waqt li *del resto* dwar din it-talba l-istess Direttur irrimetta ruhu.

Illi sussegwentement kien gie prezentat rikors tal-esponent fit-18 ta' Gunju 2014 flimkien ma' dokumenti ohrajn (li jinsabu wkoll annessi) ma' Dok MO1 li ghalih ga saret referenza, permezz ta' liema gie pprecizat fost ohrajn illi kuntrarjament ghal dak li kien qed jinghad fir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, it-talbiet tal-esponent kienu intenzjonati li jirrimedjaw ghas-sitwazzjoni prezenti fejn id-dettalji tieghu kif indikati fl-ewwel parti ta' dan ir-rikors ma kienux qed jirriflettu dak illi huwa indikat fuq l-Att ta' Twelid Originali tal-Libja u li dan kien *stante* zbalji li kienu saru fit-traduzzjonijiet li kien prezenta meta huwa kien originarjament gie sabiex jitlob li jigi Registrat l-Att ta' Twelid tieghu f’Malta, bil-konsegwenza li d-dokumentazzjoni sussegwenti baqghet tirrifletti f’diversi dokumenti, tali zbalji.

Illi b'hekk, it-talbiet tieghu kienu intenzjonati li jwasslu ghal korrezzjonijiet permezz ta' liema l-Att ta' Twelid u ta' Zwieg lokali tieghu (u d-dokumenti ohrajn konsegwenzjali) ikunu jigu jirriflettu korrettement dak tal-Libja u li b'hekk ma kienet ser tinholoq l-ebda sitwazzjoni ta' divergenza kieku t-talbiet tieghu kienu jigu milqughin;

Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' Revizjoni Notarili moghtija fl-Atti tal-proceduri hawn fuq imsemmija fit-23 ta' Gunju 2014 l-istess Qorti ddecidiet illi:

i. tichad l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet ghaliex dawn jezorbitaw mill-kompetenza ta' tali Qorti *stante* li korrezzjoni tal-kunjom tat-tarbija jew tal-isem u kunjom tal-genituri mhumiex inkluzi fil-lista tassattiva u esklussiva li tidher fl-ewwel parti tat-Taqsima III tal-Iskeda annessa mal-Kodici Civili (Kap.16) **salv kull dritt "si et quatenus" tar-rikorrenti li jipprocedu quddiem il-Qorti Civili  Kompetenti taht l-artikolu. 253 tal-Kap.16.** (enfasi mizjuda)

ii. U f'dan l-istadju, astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni tal-hames, sitt u s-seba' talbiet, sakemm ikun hemm decizjoni mill-Qorti kompetenti li tiddeciedi dwarhom fuq it-talbiet l-ohra li jezorbitaw mill-kompetenza ta' dik il-Qorti;

Illi dak hawn fuq imsemmi wassal ghaldaqstant ghall-konkluzjoni li t-talbiet tal-esponent, b'mod partikolari dawk elenkati bhala l-ewwel erba' talbiet tieghu kif indikati fir-rikors tieghu tal-5 ta' Gunju 2014, kellhom jitressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili;

Illi din il-fehma giet ulterjorment imsahha wara li wara s-sentenza hawn fuq imsemmija  tat-23 ta' Gunju 2014, u  wara korrispondenza u komunikazzjoni li kien hemm mad-Direttur tar-Registru Pubbliku gie kkonfermat illi talbiet bhal  dawk tar-rikorrent ghandhom jitressqu quddiem il-Qorti *stante* li d-Direttur ikun jinnecessita` Sentenza moghtija

mill-Qorti biex ikun jista' jaghmel it-tibdiliet mitluba lilu - b'hekk din il-procedura;

Illi b'mod partikolari l-artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi li:

*253. (1) Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni, jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imhallef irtirat jew Magistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jircievi.*

Illi biex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-korrettezza tad-dettalji li l-esponent qed jitlob li jinbidlu minn fuq ic-Certifikat ta' Twelid Lokali sabiex ikunu jirriflettu dak Libjan, l-esponent ottjena traduzzjoni formali minn fuq vera kopja tac-certifikat tieghu Libjan, kif jirrizulta minn **Dok MO2** anness fejn effettivament irrizultaw is-segwenti dettalji tieghu b'uhud minnhom sahansitra differenti minn dawk mitlubin minnu quddiem il-Qorti ta' Revizjoni Notarili.

Illi ghaldaqstant ghal kull *buon fini* id-dettalji korretti ta' l-esponent skont l-istess traduzzjoni ghandhom jirrizultaw li huma s-segwenti:

Isem l-esponent: **Mahmoud**

Kunjom l-esponent: **Ben Oun**

Isem missier l-esponent: **Mosbah**

Kunjom missier l-esponent: **Ben Oun**

Isem omm l-esponent: **Amena Belgasem**

Kunjom t'omm l-esponent li kien ukoll il-kunjom taghha ta' *xebba:* **Alghdamsi**

Illi minn dak premess f'dan ir-rikors ghandu jirrizulta li tenut kont tar-ragunijiet li wasslu ghac-cahdiet tat-talbiet imressqin mill-esponent quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili, ghandu jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti ghandha l-kompetenza li tikkonsidra u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ser jigu elenkati inkluzi r-raba' sat-tmien talba hawn taht elenkati li ghandhom jitqiesu li huma konsegwenzjali ghall-ewwel tliet talbiet u li ghandhom l-iskop li jaccertaw li d-dettalji kollha ta' l-esponent ikunu mnizzlin sew kull fejn huwa necessarju ghall-finijiet ta' konsistenza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jordna illi:

1 Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponent Registrat mar-Registru Pubbliku (datat 11 ta' Marzu 2013, numru progressiv 1186) fil-kolonna bit-titolu 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha jitnehha l-isem Mahmoud Oun u minflok jinkiteb l-isem **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun;**

2. Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponent Registrat mar-Registru Pubbliku fil-Parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom Missier it-Tarbija, l-isem u kunjom indikat bhala dak ta' missier it-tarbija jinbidel minn Musbah Mahmoud ghal **Musbah Ben Oun;**

3. Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponent registrat mar-Registru Pubbliku fil-Parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom l-Omm l-isem indikat bhala dak ta' omm it-tarbija jinbidel minn Alkamila ghal **Amena Belgasem Elghdamsi;**

4. Fir-rigward ta' l-Att ta' Zwieg ta' l-esponent Registrat mar-Registru Pubbliku, datat 12 ta' Jannar 2001 (MR No. 2064/2000 [1]), fil-Parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar ir-Ragel Mizzewweg jinbidel l-isem Mahmoud Oun ghal **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun;**

5. Fir-rigward ta' l-Att ta' Zwieg ta' l-esponent Registrat mar-Registru Pubbliku, datat 12 ta' Jannar 2001 (MR No. 2064/2000 (1)), fil-Parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom il-Missier u Isem, Kunjom u Kunjom Xbubiet l-Omm jinbidel l-isem Musbah Oun ghal **Musbah Ben Oun** u jinbidel l-isem Alkamila Oun nee' Ladamsi ghal **Amena Belgasem nee' Elghdamsi;**

6. Fir-rigward ta' l-Att ta' Zwieg tieghu datat 12 ta' Jannar 2001 (MR No. 2064/2000 (1)), l-annotazzjonijiet li hemm fl-Addenda referibbli ghad-divorzju tal-esponent jigu wkoll ikkoreguti bl-isem korrett tal-esponent skont kif hawn fuq mitlub jew li jigi ordnat li jittiehdu dawk il-passi necessarji biex jigi accertat illi l-annotazzjoni referibbli ghad-divorzju tal-esponent tibqa' inkluza fl-Att ta' Zwieg tieghu b'mod li jkun car li tali divorzju huwa referibbli ghall-esponent b'ismu kif ikkoregut;

7. Fir-rigward tac-Certifikat ta' Twelid ta' iben l-esponent (Kopja ta' liema tinsab annessa ma' dan ir-rikors bhala Dok E ma' Dok MO1 - Numru Progressiv 3353) isem u kunjom il-missier tat-tarbija jigi korrett minn Mahmud Mosbah Ben Oun ghal **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun.**

8. Tordna u tippermetti lill-esponent li jikkoregi d-dettalji tieghu skont kif hawn fuq mitlub fuq kull dokument ufficjali tieghu;

u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Ottubru 2014 (fol 50) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi jirrizulta li r-rikorrenti twieled fil-Libya u t-twelid tieghu gie originarjament registrat fil-Libya. Kien biss wara li huwa akkwista c-

cittadinanza Maltija li huwa rregistra t-twelid tieghu hawn Malta *ai termini* ta' Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Illi ghaldaqstant ismu u kunjomu kif jirrizultaw fuq l-att tat-twelid Malti huma skont kif kienu jidhru fuq l-att tat-twelid maghmul u registrat fil-Libya, kopja tat-traduzzjoni tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok DRP 1. Illi *ai termini* ta' l-artikolu 244 tal-Kodici Civili ir-registrazzjoni li ssir hija ta' l-att tat-twelid innifsu, u ossia l-informazzjoni kif tkun tinsab fuq l-att tat-twelid mahrug mill-awtorita' kompetenti fil-pajjiz fejn ikun sehh it-twelid.

3. Illi f' dan il-kaz partikolari fuq l-att tat-twelid mahrug mill-GSP Libyan Arab Jamahiriya The General People's Committee For Public Services Tripoli Municipality Public Registry, li peress li ma hux maghmul f'wahda mil-lingwi ufficjali ta' Malta, intalbet traduzzjoni tieghu, u skont Dok DRP 1 isem ir-rikorrenti qieghed indikat bhala 'Mahmoud' u kunjomu bhala 'Oun'. Illi peress li meta ssir registrazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 244 l-informazzjoni trid titnizzel skont kif tkun tidher fuq l-att tat-twelid originali, isem u kunjom ir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid Malti kellhom jitnizzlu bhala 'Mahmoud Oun'.

4. Illi isem missier u isem omm ir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid Malti gew ukoll miktubin skont ma kienu jirrizultaw fuq l-att tat-twelid maghmul u registrat fil-Libya u dan *ai termini* ta' Artiklu 244 tal-Kodici Civili.

5. Illi ghal dak li jirrigwardja isem ir-rikorrenti fuq l-att taz-zwieg tieghu, l-esponenti jissottometti li l-isem fuq l-att taz-zwieg jinkiteb skont ma jkun miktub l-isem fuq l-att tat-twelid li jipprezentaw l-gharajjes meta jigi fl-eddificju tar-registru pubbliku sabiex japplikaw ghall-publikazzjoni tat-tnidijiet taz-zwieg taghhom. Illi mir-rekords tar-Registru Pubbliku jirrizulta li fuq ic-certifikat tat-twelid li pprezenta r-rikorrenti f'dan il-punt ismu qieghed indikat 'Mahmoud', kunjomu qieghed indikat bhala 'Oun', isem

missieru qieghed indikat bhala 'Musbah' u isem ommu qieghed indikat bhala 'Alkamila' u dan abbazi tal-istess dok DRP 1 imsemmi aktar qabel.

6. Illi jekk jirrizulta kif donnu qed jghid l-attur li t-traduzzjoni tal-att tat-twelid li sar il-Libja u li pprezenta hu stess kienet effettivament zbaljata dan zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas tal-esponent Direttur. Ghalhekk l-esponent jissottometti li sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqaw hu jrid jipprova li fil-fatt dik it-traduzzjoni ghal-lingwa Maltija kienet zbaljata. Dan qed jinghad partikolarment ghaliex ir-rikorrenti kien ipprezenta dokumenti ohra li juruh bl-isem u kunjom Mahmoud Oun.

7. Illi kemm fuq l-att taz-zwieg tieghu kif ukoll fuq l-att tat-twelid tat-tifel tieghu, huwa ffirma l-att b'dan li accetta li l-informazzjoni kif inserita fl-att hija korretta.

8. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-Digriet taghha tat-13 ta' Novembru 2014 fejn innominat lill-Nadia Lanzon bhala esperta sabiex tittraduci d-dokumenti indikati fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2015 mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Jonathan Spiteri ghall-attur prezenti u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat. Il-Qorti innotat li l-esperta Nadia Lanzon ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament fl-20 ta' Jannar 2015. Dr. Cordina talab iz-zmien biex jezamina r-rapport. Xehed l-attur bil-gurament tieghu fuq il-Koran, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Spiteri *in visto* tar-rapport tal-espert talab korrezzjoni fit-talbiet dwar isem missier l-attur u kunjom xbubit omm l-attur biex dawn jinkwadraw ruhhom skont dak li gie stabbilit fir-rapport tal-Espert imqabbad mill-Qorti, u dan anke *in vista* ta` dak li xehed l-attur rikorrent, fis-sens li: it-tieni talba tigi konvertita sabiex minflok Mozbah Ben Oun ikun konvertit ghal Musbah Ben Oun; fir-rigward tat-tielet talba minflok Alghdamsi tigi Elghdamsi. Barra minhekk dwar l-ewwel talba wara Mahmoud jigu nkluzi bhala isem ir-rikorrent l-ismijiet Musbah Bashir filwaqt li kunjomu jibqa' Ben Oun fit-talba; fit-talba numru 5, l-isem tal-missier jinqaleb ukoll ghall-Musbah minflok Musbah u kunjom xbubit omm ir-rikorrent jigi Elghdamsi flok Alghdamsi. Dwar is-7 talba wara l-isem Mahmoud jitnizzlu, kif anke gie korrett fl-ewwel talba, l-ismijiet addizzjonali Musbah Bashir. Dr Maurizio Cordina ma joggezzjonax ghat-talba, b'riserva ghall-pozizzjoni tieghu fuq il-mertu. Il-Qorti ghalhekk laqghet t-talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mitluba. Dr Spiteri ddikjara li l-attur m'ghandux provi ohra x'jipproduci. Il-kawza qed tigi differita ghall-ezami tar-rapport u ghall-provi tal-konvenut ghat-12 ta' Marzu 2015 fil-11:00a.m; u rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Marzu 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Jonathan Spiteri u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat, li rrimetta ruhu ghar-rapport u ddikjara li m'ghandux provi xi jressaq. Dr. Spiteri pprezenta nota korrettiva ghal dak

li gie vverbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2015 li kopja tal-istess inghatat lid-difensur tal-kontro-parti u talab li jsiru l-korrezzjonijiet hemm indikati. Dr. Cordina ma opponiex u l-Qorti ghalhekk laqghet t-talba u tordna l-korrezzjoni fil-verbal u fir-raba' (4) talba tar-rikors promotur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar is-26 ta' Settembru 2014 (fol.47 tal-process).

Illi jirrizulta mir-rikors promotur li r-rikorrent qed jallega li saru diversi zbalji rispettivament fl-att tat-twelid (**Dok.A)** u fl-Att taz-zwieg tieghu **(Dok.B)** kif ukoll fl-att tat-twelid ta' ibnu (**Dok.C)** mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta, kemm f'ismu kif ukoll f'isem tal-genituri tieghu. In sostenn tat-talbiet tieghu pprezenta diversi dokumenti u xehed ukoll *viva voce*.[1]

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artiklu 244 tal-Kap.16** li tiddisponi li:-

[1] Seduta tat-22 ta' Jannar 2015.

***"244.** (1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta'mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji imnizzla fl-Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni hija wahda ufficjali, mhux eskluz li mhix wahda akkurata.

Ghandu jinghad li din il-Qorti qed tirriskontra kazijiet fejn isiru zbalji fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghall-Ingliz f'atti mahruga mill-Awtoritajiet Libjani, u wiehed ghandu jistaqsi jekk hux il-kaz li d-Dipartimenti Maltin jimpjegaw tradutturi ufficjali sabiex jaghmlu verifika akkurata tat-traduzzjoni ufficjali. B'hekk jigu evitati kawzi fejn isiru talbiet ghall-korrezzjoni ta' certifikati ta' stat civili anke snin wara li l-persuna kkoncernata tkun ghexet f'pajjizna, hadmet, izzewget, kellha tfal, ghamlet atti ta' hajja civili,  u dan kollu taht isem u kunjom differenti minn dak veritier.

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li sar zball da parti tal-Intimat Direttur u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita' tal-fatti fejn tidhol l-identita' ufficjali tal-persuna kkoncernata. Ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent, mahrug mill-Awtoritajiet Libjani redatt fil-lingwa nativa tal-pajjiz, li hija l-lingwa Gharbija, nghata fiducja mill-awtoritajiet Maltin bhala wiehed awtentiku. Huwa dan ic-certifikat li huwa d-dokument baziku li jista' jaghti l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghall-apprezzament finali tat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop il-Qorti innominat lill-**Nadia Lanzon,** bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha, esebit a fol 61-64 tal-process, debitament mahluf fl-20 ta' Jannar 2015, jirrizulta s-segwenti informazzjoni mill-Att tat twelid Libjan esebit bhala **Dok MO2** a fol.39 tal-process:

**Isem it-tarbija** - Mahmoud Musbah Bashir

**Kunjom** - Ben Oun

**Isem u kunjom missier it-tarbija** - Musbah Ben Oun

**Isem u Kunjom omm it-tarbija** - Amena Belgasem Elghdamsi

L-intimat irrimetta ruhu ghar-rapport filwaqt li r-rikorrent talab li jsiru korrezzjonijiet fit-talbiet tieghu sabiex jkunu konformi mal-konkluzjonijiet tal-esperta. Il-Qorti laqghet it-talbiet b'Digrieti moghtija fit-22 ta' Jannar 2015 u fit-12 ta' Marzu 2015 u saru l-korrezzjonijiet rikjesti.

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma taddottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent ghall-korrezzjonijiet mehtiega izda fis-sens biss li t-tibdiliet li jsiru ghandhom ikunu konformi mar-rapport tal-esperta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Intimat sakemm dawn mhumiex konformi ma' din is-sentenza, ser tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent biex **Tilqa'** t-Talbiet tar-rikorrent u tordna s-segwenti korrezzjonijiet u annotazzjonijiet:

**1.** Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponent Registrat mar-Registru Pubbliku datat il-11 ta' Marzu 2013 u li jgib in-numru progressiv elf, mija u sitta u tmenin ta' dik is-sena (1186/13) fil-kolonna bit-titolu 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jitnehha l-isem Mahmoud Oun u minflok jinkiteb l-isem **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun;**

2. Fir-rigward ta' l-imsemmi Att ta' Twelid ta' l-esponent fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom Missier it-Tarbija, l-isem u kunjom indikat bhala dak ta' missier it-tarbija jinbidel minn Musbah Mahmoud ghal **Musbah Ben Oun;**

3. Fir-rigward ta' l-imsemmi Att ta' Twelid ta' l-esponent fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom l-Omm l-isem indikat bhala dak ta' omm it-tarbija jinbidel minn Alkamila ghal **Amena Belgasem Elghdamsi.**

4. Fir-rigward ta' l-Att ta' Zwieg ta' l-esponent registrat mar-Registru Pubbliku, datat 12 ta' Jannar 2001 (MR No. 2064/2000 [1]), fil-parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar ir-Ragel Mizzewweg jinbidel l-isem Mahmoud Oun ghal **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun;**

5. Fir-rigward tal-imsemmi Att ta' Zwieg ta' l-esponent, fil-parti fejn hemm indikat it-Taghrif dwar Isem u Kunjom il-Missier u Isem, Kunjom u Kunjom Xbubiet l-Omm jinbidel l-isem Musbah Oun ghal **Musbah Ben Oun** u jinbidel l-isem Alkamila Oun nee' Ladamsi ghal **Amena Belgasem nee' Elghdamsi;**

6. Fir-rigward ta' l-imsemmi Att ta' Zwieg tar-rikorrent fl-Addenda referibbli ghall-annotazzjoni maghmula in segwitu ghad-divorzju tal-esponent tordna li ssir annotazzjoni ohra li tirreferi ghall-korrezzjonijiet ordnati bis-sentenza ordjerna b'mod li jkun car li tali divorzju huwa referibbli ghall-esponent b'ismu kif ikkoregut;

7. Fir-rigward tac-Certifikat ta' Twelid ta' iben l-esponent registrat bin-Numru Progressiv tlett elef, tlett mija u tlieta u hamsin tas-sena 2011 (3353/11) 'isem u kunjom il-missier tat-tarbija' jigi korrett minn Mahmud Mosbah Ben Oun ghal **Mahmoud Musbah Bashir Ben Oun.**

8. Fir-rigward it-tmien talba tipprovdi fis-sens li l-korrezzjonijiet ordnati ghandhom jigu riflessi fid-dokumenti pubblici tar-rikorrent .

Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* **tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-Rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------